MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Numru 858/2003

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

Victor Portelli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Portelli detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 230866(M), akkuzat:

1. li fid-19 ta’ Ottubru 2003 ghal habta tal-10.30 p.m. fl-Isla dolozament bil-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ Alfred Fiteni u Godfrey Schembri, it-tnejn mill-Isla, f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi permezz tal-vettura

bin-numru ta' registrazzjoni EAF 894 tal-ghamla Range Rover saq ghal fuq Alfred Fiteni u Godfrey Schembri u kkagunalhom griehi ta' natura gravi skond ma ccertifikaw Dr Moira Camilleri MD u Dr Kevin Zammit MD mill-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. li fl-istess data, lok u hin dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Fiteni f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' arma irregulari, u cioe' kanna tal-hadid, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Alfred Fiteni skond ma' ccertifikat Dr Moira Camilleri MD mill-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
3. li fl-istess data, lok u hin saq vettura Range Rover EAF 894 b'giri aktar milli jmiss, bi traskuragni u b'manjiera perikoluza; il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar;
4. li fl-Isla, fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, dagha, kliem fahxi, storbju, glied jew b'xi mod iehor;
5. li sar recidiv skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta' ta' Alfred Fiteni u Godfrey Schembri.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi deciz minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzi li taghhom l-imputat ghandu jirrispondi huma li kkaguna offizi gravi, li kiser l-bon ordni jew l-kwiet pubbliku, r-recidiva, u s-sewqan traskurat u perikoluz.

Illi l-provi juru li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza qam argument bejn l-imputat u certu Alfred Fiteni li fih l-imputat xejjer ic-cinga tal-kelb tieghu lejn l-imsemmi Fiteni u laqtu f’wiccu. In segwitu ghal dan, fil-waqt li deher li l-istorja waqfet hemm, l-imputat saq il-vettura tieghu, ghamla Range Rover, numru ta’ registrazzjoni EAF 894, fid-direzzjoni tal-istess Fiteni u certu Godfrey Schembri, li kien miexi mieghu sabiex jiehdu ghall-medikazzjoni, u hawnhekk ikkaguna griehi kemm fuq fuq il-persuna ta’ Fiteni u kemm fuq il-persuna ta’ Schembri.

Illi l-griehi li soffrew l-imsemmija l-ahhar citati jinsabu dettaljatament deskritti fir-relazzjoni ta’ Dottor Mario Scerri (nominat espert fl-inkjesta) li whud minnhom gew klassifikati ta’ natura gravi kif evidenzjat wkoll mill-fotografija u l-provi in generali dwar l-entita’ tal-griehi.

Illi z-zewg midruba ddikjaraw quddiem il-Qorti li kienu qed jahfru lill-imputat, dan kif jinsab verbalizzat folio 217. Cio’ nonostante l-akkuzi kif prospettati mill-Avukat Generali huma prosegwibbli ‘ex officio’ u l-mahfra semmai ghandha valur biss fil-konsiderazzjoni tal-piena.

Illi mill-provi kompilati l-Qorti mhux qeghdha tirriskontra ebda fattur li jiggustifika l-agir tal-imputat stante li fil-waqt li fl-ewwel fazi l-imputat jista’ jsib il-kenn tal-provokazzjoni mhux hekk wkoll fil-fazi li segwit fejn l-agir tieghu kien spropositat u f’kull kaz sproporzjonat ghal kull agir, konsistenti f’dannu fil-vettura tieghu, li seta’ f’dak l’istanti ghamel Fiteni. Ghalkemm ix-xhieda hija divergenti dwar

min kellu l-kanna, jekk hux l-imputat jew Fiteni, jibqa dejjem il-fatt li kien l-imputat li saq fid-direzzjoni taghhom u b'konsegwenza diretta ikkaguna griehi serji li jammontaw ghall-debilita' permanenti fuq il-persuna ta' Schembri li jirrisulta ma kellhu xejn x'jaqsam mal-argument. Id-danni subiti mill-imputat fil-vettura tieghu kif verifikati mill-espert tekniku u tajjeb deskritti fir-relazzjoni tieghu huma irrilevanti fil-kuntest tal-akkuzi.

Is-sewqan traskurat u perikoluz huwa fic-cirkostanzi tal-kaz 'res ipsa loquitur' u oltre jirrisultaw kemm ir-recidiva u l-ksur tal-bon ordni.

Rat ghalhekk l-Artikolu 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17, 49, 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65. Fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti, hlief ta' l-ewwel li mhiex kontemplata fl-artikoli tal-Avukat Generali, tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdin jigu sospizi ghall-sentejn mill-lum. Tikkundannah ukoll multa komplessiva ta' Lm100 paggabbli mhux oltre zmien xahar jew altrimenti konvertibbli f'gimghatejn prigunerija u tisskwalifikah mill-licenzi tieghu kollha tas-sewqan ghall-zmien tmien t'ijiem mill-lum.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna l-imputat li jhallas wkoll zmien mhux oltre xahar mill-lum Lm335 lir-registratur import tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti konnessi ma' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------